MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 3/2006

**Joan Orsini**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Jannar, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-ittra ta' l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-appell.

Ikkunsidra

L-appellanti kienet tibbenefika mill-Ghajnuna Socjali izda din l-assistenza giet lilha mwaqqfa ghaliex wara investigazzjonijiet li ghamel id-Direttur ghas-Sigurta` Socjali huwa ma baqax aktar sodisfatt li l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha jew li hija kienet il-kap tal-familja.

Meta fis-6 ta' Lulju 2005 saret spezzjoni fid-dar ta' l-appellanti nstab certu Antonio Pane fil-fond taghha u dan ta' l-ahhar ammetta li huwa kien jorqod hemm u li kellu l-hwejjeg fid-dar ta' l-appellanti.

Waqt it-trattazzjoni ta' l-appell irrizulta li dan Antonio Pane ghandu relazzjoni ma' l-appellanti u minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija li llum ghandha madwar sena. L-attrici ghandha wkoll erbat itfal ohra jghixu maghha liema tfal m' humiex ulied l-imsemmi Antonio Pane. Dan ta' l-ahhar xehed u kkonferma li filwaqt li huwa jhallas manteniment ghal bintu Alessia bl-ebda mod ma jmantni lit-tfal l-ohra ta' l-appellanti. Dan Antonio Pane qal ukoll li huwa minnu li huwa jorqod ta' spiss ghand l-appellanti u dan peress li huwa jahdem Wied il-Ghajn fejn tghix hija u ghalhekk meta jispicca tard mix-xoghol huwa jorqod ghandha sabiex ma joqghodx jitla' r-Rabat fejn huwa ghandu d-dar tieghu.

Fil-fehma ta' l-Arbitru Antonio Pane ma jikkwalifikax bhala l-kap tal-familja ta' l-appellanti ghal finijiet ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali u ghalhekk l-appellanti ma tistax tinghad li m' hijiex qed tifforma familja ghal rasha. Dan jinghad il-ghaliex ghalkemm irrizulta li Antonio Pane jorqod ta' spiss id-dar ta' l-appellanti u anki ghandu l-hwejjeg hemm u dan peress li huma ghandhom relazzjoni, huwa ma jistax jinghad li hu l-kap tal-familja ta' l-appellanti peress li bl-ebda mod ma gie pruvat li huwa qed imantni lit-tfal ta' l-appellanti miz-zwieg taghha ma' terz. Effettivament huwa pjuttost inverosimili li persuna taccetta tmantni erbat itfal ta' haddiehor. L-Arbitru jidhirlu li l-ghan tal-legislatur meta saret il-provisjoni tal-ligi li tirrikjedi li persuna tkun qed

tifforma familja ghal rasha jew tkun il-kap tal-familja sabiex tkun tista' tibbenefika mill-Ghajnuna Socjali, kien li persuni li qed jircievu manteniment jew li qed jigu mantnuti jew li altrimenti ghandhom id-dritt li jigu mantnuti minn terza persuna ma jkunux jistghu jibbenefikaw mill-assistenza moghtija mill-Istat. Fil-kaz ta' l-appellanti hija ghadha tikkwalifika bhala l-kap tal-familja taghha ghaliex hija qed tmantni lil erbgha mill-hames uliedha wahidha u hija mhux qed tinghata ebda forma ta' manteniment ghalihom minghand il-persuna li qed tghix maghha, liema persuna m' ghandha l-ebda dritt li tmantni lil ulied l-appellanti, salv ghat-tifla wahda li hija bintu.

Ghal dawn il-motivi id-decizjoni appellata qed tigi revokata u d-Direttur ghas-Sigurta` Socjali huwa ordnat li jerga' jibda jhallas l-Ghajnuna Socjali lill-appellanti u dan b' effett mit-12 ta' Awissu 2005."

Minn din id-decizjoni appella d-Direttur bl-aggravju illi l-konstatazzjoni maghmula mill-Arbitru hi estranea ghall-kuncett ta' "familja" jew "kap ta' familja" kif definiti fl-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kapitolu 318);

Din il-Qorti thossha fid-dmir li titlaq mill-osservazzjoni illi kull kaz ghandu jigi kkunsidrat u deciz fuq il-meriti tieghu u li jkun zball jekk jigu adottati principji li, ghalkemm validi fil-kuntest ta' kazijiet ohra ta' l-istess speci, ma jkunux hekk jikkorrispondu ghall-haqq tal-fattezzi partikulari tal-kaz singolari ezaminat;

Dan affermat, id-Direttur appellant iqajjem bhala kwestjoni ta' dritt illi l-Arbitru kien zbaljat meta ddetermina illi ghax Antonio Pane ma kellux obbligu li jmantni t-tfal minuri ta' l-appellata (imwielda miz-zwieg ta' l-appellata ma' haddiehor) dan ma kellux jitqies bhala kap ta' familja jew li jifforma parti minn din il-familja;

Gja fis-sentenza taghha tal-10 ta’ Ottubru 2005 in re “**Rita Cauchi -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tissofferma fuq il-portata tat-tifsiriet li l-Att imsemmi jaghti lil kliem “familja” u “kap ta’ familja”: Fiha nghad li l-espressjoni familja skond kif definita tiddenota ko-abitazzjoni. Kien imbaghad jiddependi mill-apprezzament tac-cirkostanzi fattwali dwar min fost il-membri ta’ dik il-familja kellu jitqies bhala l-kap taghha. Minn dan jitnissel illi hekk kif il-ligi titlaq mill-presunzjoni illi tnejn minn nies li jikkoabitaw flimkien taht l-istess saqaf jikkostitwixxu familja, anke jekk dawn ma jkunux wkoll mizzewga, id-determinazzjoni ta’ min hu l-kap fosthom fi hdan din il-familja hi mhollija, skond it-test tad-definizzjoni, “fl-opinjoni tad-Direttur”;

Naturalment dan ma ghandux remotament ifisser illi dik l-“opinjoni” hi r-rizultat ta’ xi diskrezzjoni assoluta vestita mil-ligi fid-Direttur. Kieku kienet din il-volonta` tal-legislatur jigi b’ konsegwenza emaskulat ghal kollox id-dritt ta’ l-appell moghti mid-decizjoni tad-Direttur. Appuntu ghax dan mhux hekk, dik id-diskrezzjoni hi sindakabbli mill-Arbitru, u issa minn din il-Qorti, biex jigi stabbilit jekk dik l-istess diskrezzjoni gietx sewwa adoperata. Effettivament bl-appell tieghu d-Direttur qed jippretendi li din il-Qorti ghandha tissindika l-apprezzament diskrezzjonali ta’ l-Arbitru, li ddiverga mill-opinjoni tieghu, in bazi ghall-assunt illi dak l-apprezzament hu vizzjat minn attitudni errata u kuncett zbaljat tal-ligi;

Issa fil-kaz prezenti, fuq is-setgha moghtija lilu mil-ligi d-Direttur deherlu fuq l-istharrig kondott minnu, illi gjaladarba Antonio Pane kien qed jabita ma’ l-appellata dan kellu jitqies bhala l-kap tal-familja ghal fini ta’ l-Att. Inversament, bl-istess setgha ta’ apprezzament tal-provi investita fl-Arbitru dan sab, fl-appell interpost lilu, illi l-gravam ta’ l-appellata kien genwin u ghadda biex issostitwixxia d-diskrezzjoni tad-Direttur b’ dik tieghu. F’ dan, l-Arbitru ma jistrihx fuq l-awtorita` tieghu biss, izda in bazi ghall-istruzzjoni tieghu tal-fatti skond l-ezercizzju ritwali li ghamel, sab elementi ta’ affidament u ta’

kredibilita` fl-ispjegazzjoni lilu moghtija minn Antonio Pane. Dan b' mod oggettiv u mhux b' xi simpatija mal-qaghda ta' l-appellata. Hi din l-oggettivita` tal-valutazzjoni tieghu tal-fatti illi l-Arbitru sab li ma kienx perswaz mid-decizjoni tad-Direttur u li, anzi, dawk l-istess fatti u provi ssuggerewlu li fir-realta` l-imsemmi Antonio Pane ma setax jitqies bhala kap tal-familja;

Fuq l-ezami taghha ta' dawk l-istess fatti u spjegazzjoni din il-Qorti ma ssibx li s-sentenza appellata tiddifetta fir-ragonament maghmul mill-Arbitru. Fic-cirkostanzi, konsegwentement tirritjeni li l-obbjezzjoni legali sollevata bl-appell mhix sostenibbli.

Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi l-appell tad-Direttur hu michud u d-decizjoni appellata, konfermata. L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------